**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke**

# TMINN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 11/2020

**Il-Ħamis 24 ta' Settembru, 2020**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fl-4:00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Omar Elaref Arab – Viċi Sindku
Désirée Vella Brincat – Kunsillier *(preżenti virtwalment)*
Charles Cesare – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Raymond Lanzon – Kunsillier *(46/3836/20/I)*

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

11.1.1. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Kunsillier Désirée Vella Brincat kienet qed isegwu l-laqgħa virtwalment minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19 filwaqt li l-Kunsillier Raymond Lanzon talab li jiġi skużat. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jaċċetta dawn l-apoloġiji.

11.1.2. Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.1.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 10/K8/2020.

11.2.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 10/K8/2020 kif ippreżentati.

11.2.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/3572/20/I** Email mingħand Reġjun Tramuntana dwar kors kulturali li ser isir fil-ġimgħat li ġejja.

11.3.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3572/20/I** fejn informa lill-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg kien ser jipprova jara li jattendi.

**46/3575/20/I** Email mingħand id-DGL dwar l-akkumulu ta' Vacation Leave tas-Segretarju Eżekuttiv, mis-sena 2020 għas-sena 2021.

11.3.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3575/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jagħti l-fakultà lis-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg biex iġedded il-massimu ta' vacation leave mis-sena 2020 għas-sena 2021.

11.3.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3591/20/I** Invit għall-laqgħa ta' konsultazzjoni mingħand il-kumpanija Adi Associates li tqabdu mill-PA biex jippreparaw Master Plans And Technical Guidelines for Selected Valley Catchments in the Maltese Islands.

11.3.5 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3591/20/I** fejn stieden lill-membri tal-Kunsill biex jattendu għal din il-laqgħa li ser issir nhar

it-30 ta’ Settembru 2020 fis-sala tal-Knisja ta’ San Ġiljan. Dan fid-dawl li f’din l-istess laqgħa ser jiġi diskuss l-immaniġġjar ta’ Wied Harq Hammiem.

**46/3681/20/I** Email mingħand il-kumpanija Vicacity Ltd fejn talbu laqgħa mal-Kunsill dwar il-kunċett ta’ living green walls and green roofs.

11.3.6 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3681/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill jiltaqa’ mal-kumpanija in kwistjoni sabiex jiġu esplorati l-possibilitajiet filwaqt li stieden lil Kunsilliera preżenti sabiex iressqu s-suġġerimenti tagħhom dwar fejn jaħsbu li jixraq li jiġi esplorata. Il-kelliem semma l-ħajt li hemm fi Triq Camillo Sceberras kantuniera ma’ Triq Mons Mifsud Tommasi, fejn il-Kunsill kien ipprova jagħmel kuntatt ma’ artist biex issir arti, l’iżda baqa’ qatt ma ġie lura bis-suġġerimenti.

11.3.7 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.8 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3686/20/I** Email mingħand Ecopence fejn talbu laqgħa mal-Kunsill dwar il-kunċett ta’ zero waste.

11.3.9 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3686/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill jiltaqa’ magħhom ħalli naraw f’aktar dettal x’qed jipproponu.

11.3.10 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.11 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3723/20/I** Email mingħand residenta f’Juno Flats fejn talbet li tingħata kopja taċ-ċwievet tal-katnazz tal-bir biex tkun tista’ isaqqi l-pjanti u s-siġar li żergħet.

11.3.12 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3723/20/I** fejn ippropona li, jekk hija taċċetta, tingħata aċċess biex tiġbed l-ilma minn aċċess li hemm fil-ġenb tal-ħorża. Dwar il-ġibjun ta’ quddiem Juno Flats, peress li hemm il-pompa tal-funtana, min għandu ċ-ċavetta fil-preżent għandu jingħata l-permess iżommha bil-kundizzjoni li jiffirma dikjarazzjoni li ser jipprepara l-Kunsill fosthom li l-ftuħ jinżamm magħluq f’kull ħin, kundizzjonijiet dwar l-użu tal-ilma, u l-obbligu ta’ resident li ma jagħmilx kopja mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill, kif ukoll li l-f’każ li ma jkunx hemm qbil, tinbidel is-serratura.

11.3.13 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.14 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3788/20/I** Rapport ta’ laqgħa li saret bejn il-Pembroke Police Community Team u l-Kap tal-Iskola Primarja, Pembroke, Kulleġġ Santa Klara.

11.3.15 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3788/20/I** fejn ippropona li tiġi approvata t-talba li saret sabiex fi Triq il-Kurunell Lorenzo Manche’ kantuniera ma’ Triq Madre Margherita de Brincat jiġu nstallata xi tip ta’ bollards/barriers li jkunu jistgħu jitpoġġew waqt li t-triq tkun magħluqa

għat-traffiku. Il-kelliem ippropona ukoll li l-Kunsill għandu jara mas-Surġent tal-Community Police Team x'l-aħjar isir li jkun prattiku.

11.3.16 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.17 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3835/20/I** Ilment dwar boroż tal-iskart quddiem Blk A11 fi Triq Pietru D'Armenia.

11.3.18 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3835/20/I** fejn talab il-kummenti tal-Kunsillier Charles Cesare.

11.3.19 Il-Kunsillier Charles Cesare ippropona li l-Kunsill jikkomunika mal-Amministraturi ta' A11 sabiex jinsab post fejn l-aħjar jitpoġġa l-iskart.

11.3.20 Is-Sindku Dean Hili issekonda.

11.3.21 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3839/20/I** Email mingħand Pembroke/St. Andrew's Scout Group jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill biex jiddisponu minn numru ta' boroż bl-iskart kif ukoll staqsew jekk humiex ser jitħawwlu s-siġar li kienu issuġġerew.

11.3.22 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3839/20/I** fejn informa lill-Kunsill li l-iskart kien inġabar mill-kuntrattur tal-Kunsill u li dwar is-siġar diġa hemm ftehim ma' Infrastructure Malta biex jipprovduhom minnaħa tagħhom. Il-kelliem ippropona li jekk huwa possibbli fiż-żona għandhom jitħawlu siġar tat-Tamarisk.

11.3.23 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.24 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.3.25 Is-Sindku Dean Hili ippropona li fi Triq San Patrizju faċċata ta' Blokk 1, isir arblu tad-dawl b'żewġ lampi fuq, waħda tħares lejn id-djar u oħra tħares lejn il-parkeġġ ta' biswit il-ġnien.

11.3.26 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.27 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.3.28 Is-Sindku Dean Hili ippropona li jinbidel ir-railing ta' mat-taraġ li jagħti minn Triq Sir Luigi Preziosi għal Triq Jum Pembroke u minflok isir railing tal-kee-clamps.

11.3.29 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.30 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.3.31 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li wara konsultazzjoni mas-Sindku Dean Hili, aktar kmieni dan ix-xahar kienet ħarġet ittra ta' twissija lill-waħda mill-impjegati tal-Kunsill, liema ittra nħarġet wara laqgħat li saru magħha kif ukoll wara li l-kontenut tal-istess ittra ġie diskuss magħha. Fid-dawl ta' dan kif ukoll fid-dawl tal-Proċeduri li jirregolaw l-operat tal-Kunsill Lokali, s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg talab lill-membri tal-Kunsill jiddeliberaw x'għandhom ikunu l-pass li jmiss.

11.3.32 Wara diskussjoni li saret, is-Sindku Dean Hili ippropona li din għandha titqies bħala twissija formali u titqiegħed fil-file tal-impjegata konċernata skond il-proċeduri.

11.3.33 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.34 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.3.35 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li minn dak li jidher, l-attività annwali tal-Halloween li jorganizza l-Kunsill flimkien mar-residenti ta' Triq San Ġorġ Preca, din is-sena, minħabba l-COVID-19, ser tkun impossibbli l'issir.

11.3.36 Is-Sindku Dean Hili ippropona li fiċ-ċirkostanzi, huwa mpossibbli li tali attività li tattira mijiet u eluf ta' parteċipanti, issir, u għalhekk għal din is-sena għandha titħassar. Il-kelliem ippropona ukoll li għandha tintalab laqgħa mal-Pulizija biex jaraw kif ser joffru servizz ta' sorveljanza fil-lokal biex ma jerġax jiġri dak li ġara s-sena li għaddiet.

11.3.37 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.38 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.3.39 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg irrakkomanda li l-Kunsill jirrikonoxxi s-suċċess miksub mir-residenta kantawtriċi Ms Marilyn Aquilina li s-Sibt 12 ta' Settembru rebħet l-44 edizzjoni tal-konkors nazzjonali l-Għanja tal-Poplu, bid-diska Jien u Int.

11.3.40 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill għandu jippreżenta tifkira kommemorattiva li tfakkar din il-kisba.

11.3.41 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.42 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.3.43 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li wara l-għargħar li għamlu, f'St. Patricks kien hemm ħajt li jdawwar żona li tieħu ħsieb residenta anzjana l'iġġarraf. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li ġaladarba dan iġġarraf bl-ilmijiet tax-xita kaġun li x-xogħol tal-junction li qed jagħmlu Infrastructure Malta għadu mhux konkluż, il-Kunsill għandu jagħmel talba lill-IM biex jaraw li dan jiġi rranġat. Il-Kelliem irrimarka wkoll li quddiem l-istess ċint hemm il-possibilità li jitħawlu bejn tnejn jew tliet sigriet u għalhekk il-kuntrattur tal-Kunsill għandu jżur is-sit sabiex tiġi esplorata din il-possibilità.

11.3.44 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.3.45 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

11.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 11.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

11.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 30/2020** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 10/K8/20 u 11/K8/20 **(Dok. 1)**

11.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 30/2020** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

11.5.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.6 PLC/EOI/01/2020 – Applikazzjonijiet għall-Junior Science Club Animator.

11.6.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li kien hemm persuna waħda biss l'applikat referenza **46/3869/20/I**, fejn l-applikazzjoni tiegħu intbagħtet liċ-Ċentru tax-Xjenza għall-kummenti u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom. Il-kelliem irrimarka li l-Kunsill ġie nfurmat li r-rappreżentanti taċ-Ċentru kienu qed jirrakkomandaw li l-persuna konċernata tiġi magħżula **46/3892/20/I** u għalhekk ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

11.6.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.7 Proposta ġdida għall-Immaniġjar tat-Traffiku fiż-żona ta' St. Patricks.

11.7.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona li, fid-dawl tax-xogħol t'upgrading li qed isir fiż-żona ta' San Patrizju nkluż ix-xogħol konness mal-upgrading tal-junction ma' Triq il-Kosta, diversi toroq għandhom isiru One way sabiex ikun hemm flow aħjar kif ukoll minħabba li ser isiru bankini f'diversi partijiet fejn ma kienx hemm qabel. Il-proposta hija li:

i. Trejqet Patri Pelaġju Mifsud għandha tkun, nofsha One Way fid-direzzjoni lejn Triq San Patrizju u nofsha One way fid-direzzjoni lejn Trejqet Giuseppe M. Letard li tiġi għall-wara Blokk 3;

ii. Trejqet Giuseppe M. Letard għandha tkun One way mid-direzzjoni ta' Triq San Patrizju lejn wesgħet ix-Xelter, u minnaħa ta' Trejqet Patri Pelaġju Mifsud lejn Wesgħat ix-Xelter,

iii. Trejqet Antonie de Favray għandha tkun One Way minn Triq San Patrizju direzzjoni minn naħa tal-parkeġġ lejn Trejqet Giuseppe M Letard,

iv. Parti minn Triq San Patrizju il-parti bejn Trejqet Patri Pelaġju Mifsud u Trejqet Giuseppe M. Letard tkun One Way direzzjoni lejn Trejqet Patri Odorik Grima, u

v. Parti minn Trejqet Patri Odorik Grima (in-naħa ta' wara l-blokk) tkun One way fid-direzzjoin lejn Triq San Patrizju.

11.7.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.8 PA 6141/20 - To sanction laying of concrete base and to propose continuation of concrete base, installation of 4 pedal courts, storage facility and 5 parking spaces.

11.8.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill joġġezzjona għall-iżvilupp propost u dan minħabba l-fatt li l-entita' li qed tapplika qed tagħmel dan wara li diġa għamlet żvilupp f'sit pubbliku mingħajr ebda permess, li l-iżvilupp propost diġa jidher li ser ikun sullokat lil terzi, iż-żona ndikata għandha titħalla pubblika biex ikun hemm spazju fejn jitkabbar is-sit li kien jintuża mill-ex skola primarja tal-lokal, u tali żvilupp m'huwiex kompatibbli biswit bini skedat.

11.8.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.9 PA 9684/17 – Talba għall-hoarding u bankina temporanja fi Triq il-Mediterran kantuniera ma' Triq Gabrielle Henin.

11.9.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3825/20/I** u emails oħra konċernata kif ukoll għall-laqgħa li saret aktar kmieni mal-iżviluppatur, fejn ippropona li:

- Il-kuntrattur għandu jiġi mitlub biex il-hoarding isir fuq il-linja tal-parapett tiegħu sakemm jiġi skavat il-maġġor parti tas-sit,
- Il-bankina fejn ser isir is-service duct għandha tinqala' l-aħħar ħaġa u l-proċess għandu jinqasam fi tnejn. L-ewwel issir l-parti ta' Triq il-Mediterran, fejn temporanjament il-hoarding għandu jitpoġġa taħt il-bankina, issir bankina temporanja bil-plastik taħtha ħalli m'issirx ħsara lit-tarmak, jinbena s-service duct sal-livell tal-bankina, jissaqqaf, il-hording jerġa jidħol il-ġewwa u titneħħa l-bankina temporanja. L-istess proċess għandu jsir għall-bankina fi Triq G. Henin,
- Ladarba jinbena l-ħajt tal-parapett sal-livell tat-triq, il-hoarding kollu għandu jkun fuq il-linja tal-parapett biex b'hekk ma jkun hemm ebda ingombru fuq il-bankina,
- Il-kuntrattur għandu jara li jipprovdi fuq is-sit tiegħu post u infrasfruttura kif l-entitajiet (fosthom u mhux limitat għall-Enemalta, GO, Melita, Vodafone, ect) li ser jagħmlu użu mis-service duct, jgħaddu minn mal-faċċata tiegħu u jinżlu u jitilgħu direttament mill-istess Service duct mingħajr il-ħtieġa t'arbli fuq il-bankina,
- Il-kuntrattur għandu jħallas lill-Kunsill l-ispejjeż biex issir lampa tad-dawl ġdida peress li dik li kien hemm mal-propjetà li twaqqgħet m'għadhiex hemm,
- Il-kuntrattur għandu jara li l-hording li ser jagħmel ma joħloqx periklu fit-triq billi ma jikrejax ebda blind corner kif kien sar meta sar il-ħajt tal-briks.

11.9.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.9.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.10 Policy dwar posts u reklamar minn terzi fuq il-paġna ta' Facebook - Pembroke Residents, amministrata mill-Kunsill Lokali Pembroke.

11.10.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li qed ikun hemm persuni u entitajiet li jissieħbu fil-paġna u wara ftit jispiċċaw jirreklamaw il-prodotti tagħhom. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li għandha tkun policy tal-Kunsill li fuq il-paġna Pembroke Resident jitħallew biss reklami ta' servizzi edukattivi, nutrittivi u stabbilimenti li jinsabu fil-lokal u jipprovdu fil-maġġoranza assoluta servizz fil-lokal. Ippropona wkoll li anke dawn ma jitħallewx jirreklamaw aktar minn darba fix-xahar b'eċċezzjoni fi żmien xi festa jew attività partikulari. Il-kelliem ikkonkluda l-proposta tiegħu li dan ma japplikax għal skejjel, għaqdiet sportivi u NGO's oħra, fejn normalment il-post tagħhom jiġi mxerred mill-amministraturi tal-paġna stess. Dan għandu wkoll jifforma parti minn avviż li wieħed jirċievi appena jissieħeb fil-paġna.

11.10.2 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

11.10.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.11 Talba mingħand impjegata għal reduced hours.

11.11.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għat-talba li rċieva l-Kunsill fejn waħda mill-impjegati talbet li jekk huwa possibbli, b'effett minn Ottubru 2020 sa l-aħħar ta' Ġunju 2021 tibda taħdem numru ta' siegħat imnaqqsa **(46/3901/20/I)**. Fid-dawl ta' dan il-kelliem talab il-kummenti u l-parir tas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg.

11.11.2 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li tali talba ser tpoġġi aktar pressjoni fuqu u fuq l-impjegata l-oħra minħabba li l-volum ta' xogħol li normalment isir bejn tlett persuni, issir ser isir bejn tnejn u nofs. Il-kelliem irrimarka li huwa mportanti li kull deċiżjoni li ser jieħu l-Kunsill ikun ħa kont ta' dan il-fatt. Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li huwa fil-prinċipju m'għandux oġġezzjoni għal din it-talba. Il-kelliem irrefera ukoll għall-korrispondenza **46/3795/20/I Dwar il-Proċeduri tal-HR**, fejn hemm elenkat x'għandu u x'jista' jagħmel il-Kunsill meta jkun hemm talbiet simili.

11.11.3 Wara diskussjoni li saret is-Sindku Dean Hili ippropona li abbażi tal-kummenti tas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, it-talba għandha tiġi milqugħa bl-impjegata partikulari tingħata l-permess li fil-perjodu ndikat tibda taħdem minimu ta' 20 siegħa fil-ġimgħa mifruxa ugwali mit-Tnejn sal-Ġimgħa, u possibbilment ċerti drabi ukoll nhar ta' Sibt bejn 08:00 – 11:30 meta l-impjegata l-oħra ma tkunx disponibbli. Il-kelliem ippropona wkoll li għall-perjodu Ottubru sa Diċembru, fejn huwa possibbli, minflok ma taħdem siegħat imnaqqsa, għandha l-ewwel tassorbixxi l-vacation leave disponibbli u l-arranġamenti l-ġodda jidħlu fis-seħħ minn Jannar 2021.

11.11.4 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.11.5 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.12 Proposta mingħand id-Dipartiment għall-Protezzjoni Ċivili dwar bini ta' stazzjoni fil-lokal.

11.12.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza referenza **46/3774/20/I** fejn ressaq għad-diskussjoni l-proposta li l-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Protezzjoni Ċivili. Il-kelliem informa lill-Kunsill li tali proposta kienet tressqet waqt laqgħa li saret bejn iż-żewġ naħat ftit tal-ġimgħat ilu.

11.12.2 Wara diskussjoni li saret, is-Sindku Dean Hili ippropona li jekk kemm il-darba l-parti li ser tiġi żviluppata hija minima, il-Kunsill ikun lest jikkunsidra tali proposta u għalhekk CPD għandhom jiġu mitluba jipprovdu disinn ftit dettaljat ta' x'qed jipproponu, peress li fil-prinċipju l-Kunsill għandu jesiġi li ż-żona kollha kemm hi, għandha tibqa' waħda miftuħa b'interventi minimi.

11.12.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.12.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.13 Permess għall-u bars fil-lokal.

11.13.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill jikkomunika ma' TM biex jara jekk il-U-Bars li diġa hawn fil-lokal hemmx bżonn permess għalihom, u jekk iva jibda l-proċess biex dawn kollha jiġu regolarizzata. Il-kelliem għamel referenza ukoll għall-korrispondenza **46/3786/20/I** dwar mingħand kumpanija privata fejn qed tipproponi li tiffinanzja l-materjal neċessarju biex isiru avviżi edukattivi fuq il-U-Bars tal-Lokal u fuqhom ikun hemm il-logo tal-kumpanija fejn ippropona li l-Kunsill japprova din it-talba suġġett li l-ispejjeż kollha jkunu koperti mill-kumpanija kif ukoll li jkunu suġġett għall-ħlas dovut li normalment jintalab biex isir reklamar fuq U-Bars.

11.13.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.13.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.14 Skema SPI.SCI.3.2020 - Finanzjament ta' Proġetti Kapitali dwar Aċċessibilita' u Mobbilità.

11.14.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3764/20/I - SPI.SCI.3.2020 - Finanzjament ta' Proġetti Kapitali. Aċċessibilita' u Mobilita'** fejn staqsa lill-membri tal-Kunsill jekk kienx hemm xi proposti relatata ma' din l-iskema.

11.14.2 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg issuġġerixxa lill-Kunsill li jikkunsidraw li:

i. Japplikaw dwar il-proġett t'upgrading tal-bankini tal-lokal, jew
ii. Biex jiġi upgraded iż-żona ta' madwar Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta inkluż il-bankini u s-street lighting tal-madwar. (dan il-proġett jista' ukoll jiġi ffinanzjat mill-fondi tal-Urban Planning), jew
iii. Biex jiġi upgraded il-Ġnien ta' St Patricks fejn hemm bżonn l'issir xi Gazebo, bankijiet, funtana fiż-żona fejn hemm l-anfiteatru, u dawl dekorattiv baxx. (dan il-proġett jista' ukoll jiġi ffinanzjat mill-fondi tal-Urban Planning).

11.14.3 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Perit tal-Kunsill jiġi mitlub disinn u japplika għall-iżvilupp tal-ġnien San Patrizju ħalli jkun jista' jibda x-xogħol li hemm bżonn.

11.14.4 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.14.5 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.15 Ċirkulari 07/2020 - Permessi maħruġa mill-Kunsilli Lokali skont L.S. 441.04.

11.15.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/3772/20/I - Ċirkulari 7/2020 maħruġa mid-DGL dwar Permessi Maħruġa mill-Kunsilli Lokali LS441.04**, fejn informa lill-Kunsill li bħas-snin preċedenti, TM infurmat lill-Kunsill li fit-toroq prinċipali minn fejn tgħaddi tal-linja jew fejn jista' jiġi effetwat it-traffiku filgħodu, m'għandhomx jinħarġu permessi għall-makkinarju li jista' joħloq ostaklu qabel id-9:30 am, u dan fil-ġranet tal-iskola. Fid-dawl ta' dan u fid-dawl li f'Pembroke hemm numru konsiderevoli ta' skejjel, il-kelliem ippropona li din il-policy għandha tkopri t-toroq kollha minn fejn tgħaddi tal-linja kif ukoll it-toroq kollha li jinsabu fiż-żona ta' bejn Triq il-Mediterran, Triq Burma, Triq Normandy, Triq San Andrija, Triq Suffolk, Triq Arnhem, Misraħ il-Paċi, Triq Madre Margherita de Brincat u Triq Gabrielle Henin.

11.15.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.15.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.16 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

11.16.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 2, 3, 4, 5 u 6)**

11.16.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata.

11.16.3 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

11.16.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11.17 Mozzjonijiet.

11.17.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 11.18 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

11.18.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona biex il-laqgħa li jmiss issir fl-4:00pm.

11.18.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

11.18.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

11.18.4 Il-laqgħa ntemmet fil-17:30pm u ġiet aġġornata għall-Ħamis 29 ta' Ottubru 2020 fl-4:00pm.

**Konfermati, illum 29 ta' Ottubru, 2020**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Avv. Dean Hili | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 1

**Internal Memo Referenza 30/2020** **24 ta' Settembru 2020**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 10/K8/20 u 11/K8/20

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 111 | 2020 | Mica Med | Tinbidel Photo cell mill-Ġnien 4 ta Lulju |
| 112 | 2020 | J&K Contractors | Tiġi irranġata kaptella tad-drenaġġ fuq il-bankina ta' Triq Pietru Darmenia direzzjoni lejn il-basement tal-garaxxijiet ta' Sit A5 – A11 |
| 113 | 2020 | Mica Med | Tirranġa lampa mal-arblu tal-Kunsill li hemm fin-nofs bin-numru Y098 fi Triq Il-Kurunell Cocks |
| 114 | 2020 | Mica Med | Tirranġa lampa ma' faċċata ta' dar li hemm fi Triq Dun Amabile Sisner kantuniera ma' Triq Camillo Sciberras bin-numru W055 |
| 115 | 2020 | B. Grima and Sons | Tirrenġa tabella ta' STOP fuq pole li tinsab fuq il-bankina fi Triq Gioacchino Le Brun k/m Triq Normandy |
| 116 | 2020 | B. Grima and Sons | Isiru road markings tul Triq Alamein kollha |
| 117 | 2020 | J&K Contractors | Issir fetħa fil-bankina fi Triq Juno biswit il-pajpijiet li hemm biex l-ilma tax-xita ikun jista' jiskula aħjar |
| 118 | 2020 | J&K Contractors | Tinbidel l-istruttura li hemm fi Triq Dun Ġużepp Farrugia, li magħha hemm imwaħħal l-isem tat-triq |
| 119 | 2020 | Mica Med | Tirranġa lampa mal-arblu tal-Kunsill li hemm bin-numru Y097 fi Triq Il-Kurunell Cocks |
| 120 | 2020 | Mica Med | Tirranġa lampa mal-arblu tal-Kunsill li hemm fi Triq Dun Gużepp Farrugia bin-numru F006 fejn id-Drive In maġenb il-bollards |
| 121 | 2020 | Mica Med | Lampa ma' faċċata ta' dar numru 31 numru W063 li tinsab fi Triq Gabriel Henin |
| 122 | 2020 | Mica Med | Tirranġa lampa ma' faċċata ta' dar numru 10 numru W020 li tinsab fi Triq Mons Alfredo Mifsud kantuniera ma' Triq L-Isqof Angelo Portelli |
| 123 | 2020 | Mica Med | Tirranġa lampa bin-numru Y097 quddiem dar no 14 fi Triq Il-Kurunell Cocks k/m Triq Salvatore Castaldi |
| 124 | 2020 | B. Grima and Sons | Tissupplixxi u twaħħal mera fi Triq Burma |
| 125 | 2020 | Go Daddy | 3 years web site hosting 01/09/20 - 31/08/23 |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

Sindku : Avv. Dean Hili Viċi Sindku : Omar Elaref Arab
Kunsilliera : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon
Segretarju Eżekuttiv : Kevin Borg